



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Settembru 2019
(OR. en)

11857/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0184(NLE)

VISA 171
COEST 181

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Awwissu 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 405 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarussja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 405 final.

Mehmuż: COM(2019) 405 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.8.2019
COM(2019) 405 final

2019/0184 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-
Repubblika tal-Belarussja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Fil-kuntest tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant f'Mejju 2009, l-UE affermat mill-ġdid l-appoġġ politiku tagħha għal-liberalizzazzjoni sħiħa tar-reġim tal-viżi f'ambjent sikur, u għall-promozzjoni tal-mobbiltà billi jiġu konklużi ftehimiet dwar l-iffaċilitar tal-viżi u r-riammissjoni mal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant. Skont l-approċċ komuni għall-iżvilupp tal-politika tal-UE dwar il-faċilitazzjoni tal-viżi li ġie miftiehem fil-livell ta' COREPER mill-Istati Membri f'Diċembru 2005, ftehim dwar il-faċilitazzjoni tal-viżi ma jiġix konkluż mingħajr ma jkun hemm fis-seħħ ftehim ta' riammissjoni.

Abbażi ta' dan, fit-12 ta' Novembru 2010 l-Kummissjoni ppreżentat rakkomandazzjoni lill-Kunsill bil-għan li tingħata direttivi biex tinnegozja Ftehimiet mar-Repubblika tal-Belarussja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal soġġorni qosra, u r-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni.

Wara li l-Kunsill ta l-awtorizzazzjoni tiegħu fit-28 ta' Frar 2011¹, in-negozjati mar-Repubblika tal-Belarussja nfetħu formalment fit-12 ta' Ġunju 2014.

Kien hemm ħames sensiliet oħra ta' negozjati fl-24 ta' Novembru 2014 f'Minsk, fit-12 ta' Marzu 2015 fi Brussell, fl-20 ta' Ġunju 2017 f'Minsk, fil-11 ta' Ottubru 2018 u fis-26 ta' Marzu 2019 fi Brussell. Il-kap negozjatur inizjala t-test tal-ftehim fis-17 ta' Ġunju 2019 permezz ta' skambju ta' ittri elettroniċi.

Sadanittant, fit-13 ta' Ottubru 2016 il-Belarussja, l-Unjoni Ewropea u s-seba' Stati Membri parteċipanti (il-Bulgarija, ir-Rumanija, il-Litwanja, il-Polonja, l-Ungerija, il-Finlandja u l-Latvja) iffirmaw Dikjarazzjoni Konġunta dwar Sħubija għall-Mobbiltà.

Mit-12 ta' Frar 2017 iċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea kienu eżentati mir-rekwiżit ta' viża b'rabta mad-dħul u s-soġġorn fit-territorju tar-Repubblika tal-Belarussja għal perjodu sa 5 ijiem, sakemm jaqsmu l-fruntiera fl-Ajruport Internazzjonali ta' Minsk. Fl-24 ta' Lulju 2018 dan il-perjodu ta' soġġorn mingħajr viża ġie estiż għal 30 jum skont l-istess kundizzjonijiet. Il-Ftehim se japplika reċiprokament għal perjodi ta' soġġorn ta' aktar minn 30 jum u li ma jaqbiż id-90 jum (f'kull perjodu ta' 180 jum).

L-Istati Membri ġew mgħarrfa u kkonsultati b'mod regolari fl-istadji kollha tan-negozjati waqt il-Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill rilevanti. L-abbozz finali tat-test tal-Ftehim ġie kondiviż mal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża u ġie approvat b'mod ġenerali permezz ta' proċedura ta' silenzju fil-5 ta' April 2019.

Fis-17 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew ġie mgħarraf kemm dwar il-konklużjoni tan-negozjati dwar il-Faċilitazzjoni tal-Viża kif ukoll dwar il-Ftehimiet ta' Riammissjoni permezz ta' ittra li ntbagħtet mid-Direttur Ġenerali tad-DĠ għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni lill-President tal-Kumitat dwar il-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni. L-abbozzi tat-testi taż-żewġ Ftehimiet jinsabu annessi.

¹ Id-direttivi ta' negozjati ġew emendati mill-Kunsill fit-2 ta' Marzu 2015 sabiex jinkludu l-possibbiltà tas-sospensjoni tal-eżenzjoni mir-rekwiżit ta' viża diplomatika għal firxa akbar ta' raġunijiet minn dawk li huma speċifikati fid-dispożizzjonijiet ta' sospensjoni, pereż. għal kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija kif ukoll tal-abbuż ta' dik l-eżenzjoni.

Id-deċiżjoni proposta rigward il-konklużjoni tippreżenta l-arranġamenti interni neċessarji għall-applikazzjoni Prattika tal-Ftehim. B'mod partikolari, tispeċifika li l-Kummissjoni, meġġuna minn esperti mill-Istati Membri, tirrappreżenta lill-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt dwar il-Faċilitazzjoni tal-Viża stabbilit skont l-Artikolu 12 tal-Ftehim.

Il-proposta meħmuża tikkostitwixxi l-istrumenti legali għall-iffirmar tal-Ftehim. Il-Kunsill se jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata.

2. L-GĦAN U L-KONTENUT TAL-FTEHIM

Il-Ftehim dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarużsja (minn hawn 'il quddiem: "il-Ftehim") għandu l-għan li jiffaċilita, fuq il-bażi ta' reċiproċità, il-ħruġ ta' viżi għal soġġorn maħsub għal mhux aktar minn 90 jum f'kull perjodu ta' 180 jum għaċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-Belarużsja.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li ntlaħqu l-għanijiet stabbiliti mill-Kunsill fid-direttivi ta' negozjati tiegħu u li l-abbozz tal-Ftehim hu aċċettabbli għall-Unjoni.

Il-kontenut aħħari tal-Ftehim jista' jitqassar kif ġej:

- bħala prinċipju, ikollha tittieħed deċiżjoni jekk tinħariġx viża jew le fi żmien għaxart (10) ijiem kalendarji għall-applikanti kollha għal viża. Meta jkun jenħtieġ aktar skrutinju, dan il-perjodu jista' jkun estiż sa 30 jum kalendarju. F'każijiet urġenti, il-perjodu għat-teħid ta' deċiżjoni jista' jitnaqqas għal jumejn ta' xogħol jew anqas. Bħala regola, l-applikanti għall-viża jista' jkollhom appuntament biex jippreżentaw l-applikazzjoni tagħhom fi żmien ġimagħtejn mid-data tat-talba u f'każijiet ta' urġenza minnufih jew mingħajr appuntament;
- it-tariffa tal-viża biex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet li jitressqu miċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tar-Repubblika tal-Belarużsja hija ta' EUR 35. It-tariffa se tiġi applikata għall-applikanti kollha għal viża. Barra minn hekk, il-kategoriji ta' persuni li ġejjin se jibbenefikaw minn eżenzjoni sħiħa tat-tariffa tal-viża: it-tfal li jkollhom anqas minn 12-il sena, il-persuni b'diżabbiltà, il-qraba stretti, il-membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali li jipparteċipaw f'attivitajiet tal-gvern, l-iskulari, l-istudenti u l-istudenti post-gradwati, ir-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet ċivili, il-każi umanitarji u l-persuni li jipparteċipaw f'attivitajiet xjentifiċi, kulturali u artistiki u f'avvenimenti sportivi;
- jekk il-Partijiet jiddeċiedu li jikkooperaw ma' fornituri esterni tas-servizzi għal, fost l-oħrajn, il-ġbir tal-applikazzjonijiet tal-viża, it-tariffa li titħallas lill-fornitur estern tas-servizzi ma tistax taqbeż it-EUR 30. Il-possibbiltà li ċ-ċittadini tal-Partijiet jippreżentaw l-applikazzjoni direttament fil-konsulati għandha tinżamm, sa fejn din tkun possibbli, pereż. fejn ma jkunx hemm persunal biżżejjed biex ilaħħaq mal-pressjoni ta' xogħol u li jissodisfa l-obbligi stipulati fil-ftehim;
- id-dokumenti dwar l-għan tal-vjaġġ li għandhom jiġu ppreżentati ġew simplifikati għal xi kategoriji ta' applikanti li ġejjin: il-qraba stretti, il-persuni tan-negozju, il-membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali, l-iskulari u l-istudenti post-gradwati, il-parteeipanti f'avvenimenti xjentifiċi, kulturali u sportivi, il-ġurnalisti, il-persuni li jżuru siti ta' dfin militari u ċivili (fosthom il-qraba), ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, il-membri tal-professjonijiet li jipparteċipaw f'wirjiet internazzjonali, konferenzi, simpożja, seminars jew avvenimenti oħra simili, is-sewwieqa ta' servizzi ta' trasport internazzjonali tal-passiġġieri u tal-merkanzija, il-parteeipanti fi programmi uffiċjali ta' skambju ta' blet ġemellati, il-persuni fuq żjajjar għal raġunijiet mediċi, il-persuni li jipparteċipaw f'avvenimenti sportivi

internazzjonali, il-membri tal-ekwipaġġ ta' ferroviji, vaguni refriġerati u lokomottivi u parteċipanti fi programmi uffiċjali ta' kooperazzjoni transfruntiera tal-UE. Għal dawn il-kategoriji ta' persuni, jistgħu jintalbu biss id-dokumenti elenkati fil-ftehim biex jiġi ġġustifikat l-għan tal-vjaġġ. Bħala regola, ma hija meħtieġa l-ebda ġustifikazzjoni, stedina jew validazzjoni oħra prevista mil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri jew mir-Repubblika tal-Belarusija;

- hemm ukoll kriterji simplifikati għall-ħruġ ta' viżi għal dħul multiplu għal dawn il-kategoriji ta' persuni li ġejjin:
 - (a) għall-membri ta' gvernijiet, parlamenti u qrati nazzjonali u reġjonali, il-membri permanenti ta' delegazzjonijiet uffiċjali, il-konjugi u l-ulied li jżuru liċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea li jirrisjedu legalment fit-territorju tal-Belarusija jew iċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Belarusija li jirrisjedu legalment fl-Istati Membri jew ċittadini tal-UE li jirrisjedu fit-territorju tal-Istati Membri li jkunu ċittadini tagħhom jew ċittadini tar-Repubblika tal-Belarusija residenti fit-territorju tal-Belarusija: viżi għal dħul multiplu b'terminu ta' validità ta' 5 snin (jew iqsar, jekk toħroġ biċ-ċar l-intenzjoni ta' vjaġġar regolari limitat, pereżempju fejn il-perjodu ta' validità tal-mandat tagħhom jew l-awtorizzazzjoni tagħhom għal residenza tkun għal perjodu iqsar);
 - (b) parteċipanti fi programmi xjentifiċi, kulturali, programmi ta' skambji uffiċjali u transfruntiera, avvenimenti sportivi internazzjonali, ġurnalisti, studenti, membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali, rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, membri tal-professjonijiet li jipparteċipaw f'wirjiet internazzjonali, konferenzi, simpożja, seminars u avvenimenti simili oħra, sewwieqa li jgħorru merkanzija internazzjonali u ekwipaġġi ta' ferroviji u persuni li jeħtieġu żjajjar mediċi regolari: viżi għal dħul multiplu validi għal sena (1);
 - (c) l-istess kategoriji msemmija f' (b): Viżi validi għal minimu ta' sentejn (2) u massimu ta' 5 snin jenħtieġ li jinħarġu (sakemm matul is-sentejn ta' qabel ikunu użaw il-viżi għal dħul multiplu ta' sena (1) b'mod legali, sakemm ikun ċar li l-ħtieġa jew il-ħsieb ta' vjaġġar frekwenti jkunu limitati għal perjodu iqsar);
- ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tar-Repubblika tal-Belarusija li jkunu detenturi ta' passaporti diplomatiċi bijometriċi validi u detenturi ta' *laissez-passer* validi tal-UE huma eżentati mir-rekwiżit tal-viżi għal żjajjar qosra. F'April 2015 il-Kummissjoni ġiet ippreżentata bl-ewwel valutazzjoni tas-sigurtà u l-integrità tas-sistema tal-ħruġ ta' passaporti diplomatiċi tal-Belarusija, fosthom l-aspetti tas-sigurtà ta' din tal-aħħar, b'riżultat sodisfaċenti fir-rigward tas-sistema tal-ħruġ. Madankollu, il-livell tas-sigurtà tal-passaporti diplomatiċi tal-Belarusija ma tqiesx bħala suffiċjenti minn xi Stati Membri. Sussegwentement ir-Repubblika tal-Belarusija għaddiet informazzjoni li kienet se tibda toħroġ passaporti bijometriċi konformi mal-aħħar linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili mill-bidu tal-2020 u aċċettat li tillimita l-eżenzjonijiet mir-rekwiżit tal-viżi fuq il-passaporti diplomatiċi bijometriċi (rekwiżit addizzjonali li ma ntlax mid-direttivi ta' negozjar). Fis-sitt u l-aħħar sensjela ta' negozjati fis-26 ta' Marzu 2019, ir-Repubblika tal-Belarusija pprovdiet lill-Kummissjoni b'informazzjoni aġġornata dwar is-sistema tal-ħruġ u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' dawn il-passaporti, u impenjat ruħha li tikkondividi kampjun tal-passaport bijometriku l-ġdid u tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi finali sa mhux aktar tard minn Ottubru 2019. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni se jkollha tagħmel valutazzjoni finali tas-sistema tal-ħruġ f'konsultazzjoni mal-Istati Membri qabel il-konklużjoni tal-Ftehim;

- Il-klawsola finali jipprovdi lill-Partijiet bil-possibbiltà li jissospendu l-ftehim kollu jew partijiet minnu (pereż. l-eżenzjoni mir-rekwiżit ta' viża għal detenturi ta' passaporti diplomatiċi bijometriċi) għal kwalunkwe raġuni. Għaldaqstant, din id-dispożizzjoni tkopri raġunijiet ta' sospensjoni bħal ma huma l-ksur jew l-abbuż ta' dispożizzjoni tal-ftehim, bħall-eżenzjoni mir-rekwiżit ta' viża għall-passaporti diplomatiċi (l-Artikolu 10), għal kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija (imsemmija wkoll fil-preambolu tal-Ftehim), kif ukoll għan-nuqqas ta' kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni u/jew l-implimentazzjoni mhux sodisfaċenti tal-Ftehim ta' Riammissjoni;
- il-klawsoli finali jistipulaw ukoll li l-ftehim dwar il-faċilitazzjoni tal-viża jista' jidħol fis-seħħ biss fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Riammissjoni;
- l-importanza tal-prinċipji fundamentali li jirregolaw il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet kif ukoll l-obbligi u r-responsabbiltajiet, fosthom ir-rispett għall-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija, li joħorġu mill-istrumenti internazzjonali rilevanti li jkunu marbutin bihom, hija enfasizzata fil-preambolu għall-Ftehim;
- is-sitwazzjoni speċifika tal-Istati Membri li għadhom ma japplikawx kompletament l-acquis ta' Schengen u r-rikonossiment unilaterali tagħhom tal-viżi u tal-permessi ta' residenza ta' Schengen maħruġa lil ċittadini tar-Repubblika tal-Belarusija għall-għan ta' tranżitu fit-territorju tagħhom skont id-Deċiżjoni Nru 565/2014/UE;
- ġiet meħmuża Dikjarazzjoni Konġunta mal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni fejn jidħlu dokumenti tal-ivvjaġġar u l-iskambju regolari ta' informazzjoni dwar is-sigurtà tad-dokumenti tal-ivvjaġġar hemm annessa Dikjarazzjoni Konġunta;
- ġiet meħmuża Dikjarazzjoni Konġunta mal-Ftehim dwar l-armonizzazzjoni tal-proċeduri ta' informazzjoni għall-ħruġ ta' viżi għal żjajjar qosra u d-dokumenti li jridu jiġu ppreżentati meta jsiru applikazzjonijiet għal viżi żjajjar qosra;
- is-sitwazzjonijiet speċifiċi tad-Danimarka, ir-Renju Unit u l-Irlanda huma riflessi fil-preambolu u fid-Dikjarazzjonijiet Konġunti meħmuża mal-Ftehim. L-assoċjazzjoni mill-qrib tal-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen hi riflessa f'Dikjarazzjoni Konġunta mal-Ftehim²;
- Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-persunal konsulari tinsab meħmuża mal-Ftehim sabiex tiġi enfasizzata l-importanza li l-Partijiet jagħtu lid-disponibbiltà ta' għadd suffiċjenti ta' persunal fil-konsulati tagħhom biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim.

3. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Din il-proposta hija ppreżentata lill-Kunsill sabiex jawtorizza l-iffirmar tal-Ftehim.

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-punt (a) tal-Artikolu 77(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu.

² Jista' jkun li l-preambolu u d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar is-sitwazzjoni tar-Renju Unit ikollhom jiġu rieżaminati wara l-ħruġ tar-Renju Unit.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux applikabbli.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta ma tmurx lil hinn minn dawn li huwa meħtieġ biex jinkiseb l-għan propost, jiġifieri l-iffirmar ta' ftehim internazzjonali li jiffaċilita l-ħruġ ta' viżi lil ċittadini tal-Belarużsja u lil ċittadini tal-Unjoni.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma tinvolvi spejjeż addizzjonali għall-baġit tal-UE.

5. KONKLUŻJONIJIET

Fid-dawl tar-risultati msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jiddeċiedi li l-Ftehim jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni u jawtorizza lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jistabbilixxi l-istrument rispettiv ta' setgħat sħaħ.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarussja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 77(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-28 ta' Frar 2011, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tibda negozjati mar-Repubblika tal-Belarussja dwar Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarussja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi ("il-Ftehim"), b'mod parallel man-negozjati ta' Ftehim dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni. In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim permezz ta' skambju ta' posta elettronika fis-17 ta' Ġunju 2019.
- (2) Fil-kuntest tad-Dikjarazzjoni tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant tas-7 ta' Mejju 2009, l-Unjoni u l-pajjiżi sħab esprimew l-appoġġ politiku tagħhom lejn il-liberalizzazzjoni tar-reġim tal-viża f'ambjent sikur u jaffermaw mill-ġdid l-intenzjoni tagħhom li jieħdu passi gradwali lejn reġim mingħajr viża għaċ-ċittadini tagħhom fiż-żmien opportun.
- (3) L-iskop tal-Ftehim huwa li jiffaċilita, fuq il-bażi ta' reċiproċità, il-ħruġ ta' viżi għal soġġorn maħsub għal mhux aktar minn 90 jum f'kull perjodu ta' 180 jum għaċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-Belarussja.
- (4) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom ir-Renju Unit ma jhux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen¹; għaldaqstant ir-Renju Unit mhuwiex qiegħed jieħu sehem fl-adozzjoni tagħha u mhuwiex marbut biha jew suġġett għall-applikazzjoni tagħha.
- (5) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tiħux sehem skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda sabiex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43).

acquis ta' Schengen²; Għaldaqstant l-Irlanda mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

- (6) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (7) Għaldaqstant, il-Ftehim jenħtieġ li jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, sakemm jiġi konkluż f'data aktar tard, filwaqt li jiġu approvati d-Dikjarazzjonijiet Konġunti meħmuża mal-Ftehim li jrid jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarussja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi³.

Artikolu 2

Id-Dikjarazzjoni meħmuża mal-Ftehim għandha tiġi approvata f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jistabbilixxi l-istrument tas-setgħat sħaħ għall-iffirmar tal-Ftehim, suġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim, għall-persuna(i) indikata(i) min-negozjatur tal-Ftehim.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għal Kunsill
Il-President*

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

³ It-test tal-Ftehim ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.